**Missejt ħajjet tant nies**

Dħalt lura għall-ħidma
U dlonk staqsejt għalik,
Kienet l-għaxqa tiegħi
Li narak, nifraħ bik.

Mma dik l-għodwa qalli
l-infermier li tlaqtna,
ħasdietni din l-aħbar
Kemm tħadditna w dħakna.

L-esperjenzi hekk sbieħ
Li għext fostna, magħna,
Jikfxu qalbek kbira
Li farrġet lil tagħna.

Niftakrek bi ħrara
Tiġi għall-quddiesa,
Mhux darba w tnejn qrajt
B'dik il-fidi sħiħa.

Imħabbtek tant kbira
Lejn martek u bintek,
Hi t'ispirazzjoni
Li ħarġet minn ħiltek.

Dejjem fittixt li tħobb
Li tilqa' lil kulħadd,
Kamartek imbierka
Laqgħet, bniet fejn inħadt.

Għalkemm t'età żgħira
Għaddejt mill-mewġ, imradt,
Xorta bqajt tingħata
F'ħafna ħallejt impatt.

Bniedem kbir ta' fidi
Tħarriġt fl-arti tas-skiet,
Li jissarraf f'atti
Magħmula b'imħabbiet.

Għallimtni li l-ħajja
Hi skola ta' sabar,
Li jissarraf f'għaqal
Mal-ħniena jinsatar.

Hekk, bil-ħlewwa tiegħek
Ta' tjubitek bla qjies,

B’sempliċità kbira
Messejt ħajjet tant nies.

Patri Mario Attard OFM Cap
25 ta’ Awwissu 2023

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.